# MALTA

## ATT Nru. XVIII ta' l-1996

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jissostitwixxi l-artikolu 6 ta' l-Ordinanza dwar is-Sigrieti Uffiċjali b'dispożizzjonijiet li jipproteġu kategoriji ta' informazzjoni uffiċjali aktar limitati.**

## ACT No. XVIII of 1996

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to replace section 6 of the Official Secrets Ordinance by provisions protecting more limited classes of official information.**

Naghti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

26 ta' Lulju, 1996

## ATT Nru. XVIII ta' l-1996

*ATT biex jissostitwixxi l-artikolu 6 ta' l-Ordinanza dwar is-Sigrieti Uffiċjali b'dispożizzjonijiet li jipproteġu kategoriji ta' informazzjoni uffiċjali aktar limitati.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1996 li jemenda l-Ordinanza dwar is-Sigrieti Uffiċjali, u għandu jinqara u jiftiehem bħala ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar is-Sigrieti Uffiċjali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Ordinanza". Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Kap. 50.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti.

**2.** (1) Minflok il-kliem "Ordinanza dwar is-Sigrieti Uffiċjali" fit-titolu u fl-artikolu 1 ta' l-Ordinanza għandhom jidħlu l-kliem "Att dwar is-Sigrieti Uffiċjali". Emendi ġenerali.

(2) L-artikolu 13 ta' l-Ordinanza għandu jitħassar, u l-artikoli 7 sa 12 u 14 sa 18 ta' l-Ordinanza għandhom jiġu rispettivament enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 15 sa 20 u l-artikoli 21 sa 25.

(3) (a) Kull referenza f'xi liġi għall-Ordinanza dwar is-Sigrieti Uffiċjali għandha tinqara bħala referenza għall-Att dwar is-Sigrieti Uffiċċjali;

(b) Kull referenza fl-Ordinanza jew f'kull liġi oħra li tkun saret qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, għal xi wieħed mill-artikoli 7 sa 12 u l-artikoli 14 sa 18 ta' l-Ordinanza għandha tinqara bħala referenza għall-artikolu rispettiv kif enumerat mill-ġdid b'dan l-Att.

(4) Fl-Ordinanza, minbarra fl-artikoli 19 u 24 kif enumerati mill-ġdid bis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, minflok il-kliem "din l-Ordinanza" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "dan l-Att".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza.

**3.** (1) Minflok l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza għandu jidħol dan li ġej:

"Tifsir

2. (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra —

"dokument" tinkludi wkoll parti ta' dokument;

"funzjonarju pubbliku" tfisser —

(a) Ministru jew Segretarju Parlamentari;

(b) kull uffiċjal pubbliku;

(ċ) kull membru tal-Forzi Armati ta' Malta kif ukoll kull persuna oħra li tkun impjegata jew maħtura f'dawk il-Forzi jew għall-għanijiet tagħhom;

(d) kull membru tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta kif ukoll ta' kull forza dixxiplinata ta' l-Istat, kif ukoll kull persuna oħra li tkun impjegata jew maħtura f'dak il-Korp jew forza jew għall-għanijiet tagħhom;

(e) kull min ikun membru jew impjegat ta' korp preskritt jew ta' korp ta' kategorija preskritta u li jew ikun preskritt għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu jew li jkun jappartjeni għal kategorija preskritta ta' membri jew ta' impjegati ta' korp bħal dak;

(f) kull min ikun detentur ta' kariga preskritta jew li jkun impjegat ta' detentur bħal dak u li jew ikun preskritt għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu jew li jkun jappartjeni għal kategorija preskritta ta' dawk l-impjegati;

"kuntrattat mill-Gvern" tfisser, bla ħsara għas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, kull min ma jkunx funzjonarju pubbliku iżda li jkun jipprovdi, jew ikun impjegat fil-provvista ta', oġġetti jew servizzi —

(a) għall-għanijiet ta' Ministru jew ta' Segretarju Parlamentari, ta' xi wieħed mis-servizzi, forzi jew korpi msemmija fit-tifsira ta' funzjonarju pubbliku jew tad-detentur ta' xi kariga preskritta skond dik it-tifsira; jew

(b) taħt ftehim jew arranġament li jiġi ċertifikat mill-Prim Ministru jew mill-Ministru bħala wieħed li għalih ikun parti l-gvern ta' Stat li ma jkunx Malta jew organizzazzjoni internazzjonali jew li jkun subordinat għal, jew magħmul bil-għan li jimplementa, xi ftehim jew arranġament bħal dak;

"kxif" u "tikxef" dwar dokument jew oġġett ieħor, tinkludi li wieħed jitlaq minn taħt idejh il-pussess tiegħu;

"Ministru" tfisser dak il-Ministru li minn żmien għal żmien jiġi speċifikat mill-Prim Ministru bħala responsabbli għas-Servizz ta' Sigurtà;

"mudell" tinkludi disinn, tip u kampjun;

"munizzjon ta' gwerra" tinkludi l-intier jew parti ta' bastiment, sottomarin, ajruplan, tank jew makni bħal dawn, armi u munizzjonijiet, torpedni jew mini magħmulin, jew tajbin għal użu ta' gwerra, u kull oġġett ieħor, materjal jew mezz, maħdum jew li qiegħed jinħadem, u li huwa maħsub għal dak l-użu;

"organizzazzjoni internazzjonali" tfisser, bla ħsara għas-subartikoli ta' wara ta' dan l-artikolu, organizzazzjoni li tagħha huma membri Stati biss u tinkludi referenza għal kull organu ta' dik l-organizzazzjoni;

"post ipprojbit" tfisser —

(a) kull opra ta' difiża, tarzna, stabbiliment jew stazzjon navali, militari jew tal-forzi ta' l-ajru, bil-baħar li jmiss magħhom, officina, baċil, mina, żona imminata, kamp, bastiment jew ajruplani li

huma ta' proprjetà ta', jew okkupati minn, jew fl-interess tal-Gvern ta' Malta, jew kull telegrafu, telefon, stazzjon jew uffiċċju ta' telegrafija mingħajr fili jew ta' sinjali, li jkunu ta' proprjetà jew okkupati kif jingħad hawn fuq, u kull post li hu ta' proprjetà ta', jew li hu okkupat minn, jew fl-interess tal-Gvern ta' Malta u wżat għall-bini, tiswija, fabbrikazzjoni jew magazzinaġġ ta' munizzjonijiet ta' gwerra, jew skizzi, pjanti, mudelli, jew dokumenti dwarhom, jew sabiex jittieħdu metalli, żjut, jew minerali għal użu fi żmien ta' gwerra; u

(b) kull post li m'huwiex tal-Gvern ta' Malta fejn munizzjonijiet tal-gwerra jew skizzi, mudelli, pjanti jew dokumenti dwarhom jinħadmu, jissewwew, jittieħdu jew jinżammu bis-saħħa ta' kuntratti magħmulin mal-Gvern ta' Malta, jew ma' persuna fl-interess tal-Gvern ta' Malta, jew xort'oħra fl-isem tal-Gvern ta' Malta; u

(ċ) kull post li jappartjeni lil, jew użat fl-interess tal-Gvern ta' Malta illi, f'dak iż-żmien, jiġi mill-Prim Ministru dikjarat bħala post ipprojbit għall-finijiet ta' dan l-artikolu minħabba illi informazzjoni dwar dak il-post, jew il-ħsara f'dak il-post, tista' tkun utli għall-għadu; u

(d) kull triq, passaġġ, jew kanal, jew mezz ieħor ta' komunikazzjoni bl-art jew bil-baħar (kompriżi opri jew kostruzzjonijiet li jagħmlu parti minnhom jew li jkunu mgħaqqda magħhom) jew kull post użat għal xogħlijiet ta' gass, ilma jew ta' elettriku jew xogħlijiet oħra li għandhom skopijiet ta' karattru pubbliku, jew post li fih ikunu jsiru, jissewwew jew jinżammu, għalkemm mhux f'isem tal-Gvern ta' Malta, munizzjonijiet ta' gwerra, jew bastimenti, armi jew materjali oħra jew strumenti ta' użu fi żmien ta' gwerra, jew skizzi, mudelli, pjanti jew dokumenti dwarhom, u illi jkun, għal dak iż-żmien, ġie iddikjarat mill-Prim Ministru li hu post ipprojbit għall-finijiet ta' dan l-artikolu, minħabba li informazzjoni dwarhom, jew id-distribuzzjoni jew kull tfixkil jew xkiel ieħor fihom, jista' jkun utli għall-għadu;

"preskritt" tfisser preskritt b'ordni magħmul mill-Prim Ministru;

"reat taħt dan l-Att" tinkludi kull att, nuqqas, jew ħaġ'oħra punibbli taħt dan l-Att;

"Servizz ta' Sigurtà" tfisser is-servizz li hemm imsemmi fl-Att ta' l-1996 dwar is-Servizz ta' Sigurtà;

"skizz" tinkludi kull xorta ta' fotografija jew mod ieħor ta' riproduzzjoni ta' post jew ta' ħaġa;

"stat" tinkludi l-gvern ta' Stat u kull organu tal-gvern tiegħu.

(2) F'dan l-Att:

kull referenza għal fatt ta' komunikazzjoni jew riċezzjoni, tfisser ukoll kull komunikazzjoni jew riċezzjoni, sew ta' kollox kemm ta' parti, u sew jekk jiġi fil-fatt biss ikkomunikat jew irċevut l-istess skizz, pjanta, mudell, oġġett, nota, dokument, jew informazzjoni, kemm biss is-sustanza, l-effett jew deskrizzjoni tagħhom;

kull referenza għal fatt li wieħed jakkwista jew iżomm skizz, pjanta, mudell, oġġett, nota jew dokument tfisser ukoll il-fatt li wieħed jagħmel kopja jew iġiegħel li ssir kopja, sħiħa jew ta' biċċa, ta' skizz, pjanta, mudell, oġġett, nota jew dokument; u

kull referenza għal komunikazzjoni ta' skizz, pjanta, mudell, oġġett, nota, jew dokument, tfisser ukoll il-fatt li wieħed jittrasferixxi jew jittrasmetti skizz, pjanta, mudell, oġġett, nota jew dokument.

(3) Meta impjegat jew kategorija ta' impjegati ta' korp, jew ta' detentur ta' kariga, ikun preskritt b'ordni magħmul għall-għanijiet tat-tifsira ta' funzjonarju pubbliku fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu —

(a) kull impjegat ta' dak il-korp, jew tad-detentur ta' dik il-kariga, li ma jkunx preskritt jew li ma jkunx jaqa' fi ħdan il-kategorija preskritta; u

(b) kull min ma jipprovdix, jew ma jkunx impjegat fil-provvista ta' oġġetti jew servizzi għall-għanijiet tat-twettieq ta' dawk il-funzjonijiet tal-korp jew tad-detentur tal-kariga li magħhom ikunu jaħdmu l-impjegati jew kategorija preskritta ta' impjegati,

ma jkunx kuntrattat mill-Gvern għall-għanijiet ta' dan l-Att.

(4) (a) Ir-referenza għal organizzazzjoni internazzjonali fil-paragrafu (b) tat-tifsira ta' kuntrattat mill-Gvern fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tinkludi referenza għal kull organizzazzjoni li tkun waħda li tagħha jkunu membri Stati biss u tinkludi organizzazzjoni kummerċjali.

(b) Sabiex jiġi stabbilit għall-għanijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jekk il-membri ta' organizzazzjoni jkunux Stati biss, kull membru li hu nnifsu jkun organizzazzjoni li tagħha jkunu membri stati biss, jew li jkun organu ta' dak l-organu ta' dik l-organizzazzjoni, għandu jiġi trattat bħala Stat.

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza.

**4.** Fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza, minflok il-kliem "persuna li għandha, jew li hija fl-impieg ta' persuna li għandha kariga taħt il-Gvern ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 6 ta' l-Ordinanza.

**5.** Minflok l-artikolu 6 ta' l-Ordinanza għandhom jidħlu dawn l-artikoli 6 sa 14 li ġejjin:—

"Sigurtà.

6. (1) Persuna li tkun jew li kienet —

(a) membru tas-Servizz tas-Sigurtà, jew

(b) persuna avżata li hija suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu,

tkun ħatja ta' reat jekk mingħajr awtorità leġittima tikxef xi informazzjoni, dokument jew oġġett ieħor li jkollu x'jaqsam mas-sigurtà li jkunu jew kienu għandha minħabba fil-kariga tagħha ta' membru ta' dak is-servizz jew filwaqt tal-ħidma tagħha meta l-avviż ikun jew kien fis-seħħ.

(2) Ir-referenza fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu dwar il-kxif ta' informazzjoni li għandha x'taqsam mas-sigurtà tinkludi referenza għall-għemil ta' kull dikjarazzjoni li jkollha l-intenzjoni li tkun kxif ta' dik l-informazzjoni jew li tkun maħsuba li tinftihem minn dawk li tkun lilhom indirizzata bħala kxif bħal dak.

(3) Persuna li tkun jew li kienet funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern tkun ħatja ta' reat jekk mingħajr awtorità leġittima tikxef b'mod li tagħmel ħsara xi informazzjoni, dokument jew oġġett ieħor li jkollu x'jaqsam mas-sigurtà li jkunu jew kienu għandha minħabba fil-kariga

tagħha bħala tali iżda b'mod differenti minn dak imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(4) Għall-għanijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu kxif ikun ta' ħsara jekk:

(a) jikkaġuna ħsara fil-ħidma ta', jew ta' kull taqsima ta', s-Servizz ta' Sigurtà; jew

(b) dan ikun dwar informazzjoni jew dokument jew oġġett ieħor li jkunu tali li l-kxif mhux awtorizzat tagħhom x'aktarx jikkaġuna dik il-ħsara jew li jkunu jaqgħu taħt kategorija jew deskrizzjoni ta' informazzjoni, dokumenti jew oġġetti li l-kxif mhux awtorizzat tagħhom x'aktarx ikollu dak l-effett.

(5) Tkun difiża għal persuna li tkun akkużata b'reat taħt dan l-artikolu li ġġib prova li fil-waqt tar-reat allegat hija ma kienetx taf, u ma kellha ebda raġuni li temmen, li dawk l-informazzjoni, dokument jew oġġett kellhom b'xi mod x'jaqsmu mas-sigurtà jew, fil-każ ta' reat taħt is-subartikolu (3), li l-kxif kien se jkun ta' ħsara fil-kuntest tat-tifsira ta' dak is-subartikolu.

(6) In-notifika li persuna tkun suġġetta għas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha ssir bil-mezz ta' avviż bil-miktub maħruġ mill-Prim Ministru jew mill-Ministru u li jiġi lilha notifikat; u dak l-avviż jista' jiġi notifikat jekk, fil-fehma tal-Prim Ministru jew tal-Ministru, il-ħidma li dik il-persuna tkun qegħda twettaq tkun jew tkun tinkludi ħidma li jkollha x'taqsam mas-Servizz ta' Sigurtà u li x-xorta tagħha tkun tali li kull interess ta' sigurtà nazzjonali jkun jeħtieġ li dik il-persuna għandha tkun suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dak is-subartikolu.

(7) Bla ħsara għas-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu, notifika li ssir għall-għanijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tibqa' sseħħ għal żmien ħames snin li jibdew għaddejjin minn dakinhar meta l-avviż jiġi notifikat iżda dan jista' jiġġedded bil-mezz ta' avviżi oħra li jinħarġu skond is-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu għal perijodi ta' ħames snin kull darba.

(8) Notifika li ssir għall-għanijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tista' tiġi revokata f'kull żmien bil-mezz ta' avviż ieħor bil-miktub li jinħareġ mill-Prim Ministru jew mill-Ministru u li jiġi notifikat lill-persuna relattiva; u l-Prim Ministru jew il-Ministru għandhom jinnotifikaw dak l-avviż

ieħor hekk malli, fil-fehma tagħhom, il-ħidma mwettqa minn dik il-persuna ma tibqax dik li hemm imsemmija fis-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu.

(9) F'dan l-artikolu, "sigurtà" tfisser il-ħidma ta', jew b'għajnuna ta', is-Servizz ta' Sigurtà jew ta' kull taqsima tiegħu, u kull referenza għal informazzjoni li għandha x'taqsam ma' sigurtà tinkludi referenzi għal informazzjoni li dak is-Servizz jew persuni li jgħinuh, jew ta' kull taqsima tiegħu, ikollhom jew li jibagħtu.

Difiża.

7. (1) Persuna li tkun jew li kienet funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern tkun ħatja ta' reat jekk mingħajr awtorità leġittima hija tikxef bi ħsara xi informazzjoni, dokument jew oġġett ieħor li jkollu x'jaqsam mad-difiża li jkunu jew kienu għandha minħabba fil-kariga tagħha bħala tali.

(2) Għall-għanijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kxif ikun ta' ħsara jekk—

(a) ikun ta' ħsara għall-ħila ta', jew ta' xi taqsima ta', il-forzi armati li jwettqu il-ħidma tagħhom jew ikun iwassal għall-mewt jew feriment ta' membri ta' dawk il-forzi jew għal ħsara serja fit-tagħmir jew stallazzjonijiet ta' dawk il-forzi; jew

(b) xort'oħra minn dak imsemmi fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, ikun jipperikola l-interessi ta' Malta barra minn Malta, ikun serjament jostruwixxi il-promozzjoni jew il-protezzjoni minn Malta ta' dawk l-interessi jew ikun jipperikola l-inkolumità ta' ċittadini Maltin li jkunu jinsabu barra minn Malta; jew

(ċ) ikun kxif ta' informazzjoni, dokument jew oġġett li jkunu tali li l-kxif mhux awtorizzat tagħhom x'aktarx ikollu xi wieħed minn dawk l-effetti.

(3) Tkun difiża għal persuna li tkun akkużata b'reat taħt dan l-artikolu li ġġib prova li fil-waqt tar-reat allegat hija ma kienetx taf u ma kellha ebda raġuni li temmen, li dawk l-informazzjoni dokument jew oġġett kellhom b'xi mod x'jaqsmu mad-difiża jew li l-kxif kien se jkun ta' ħsara fil-kuntest tat-tifsira tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(4) F'dan l-artikolu "difiża" tfisser—

(a) il-qies, għamla, organizzazzjoni, loġistika, *order of battle, deployment,* operazzjonijiet, stat ta' preparazzjoni u taħriġ tal-forzi armati ta' Malta;

(b) l-armamenti, ħażniet jew tagħmir ieħor ta' dawk il-forzi u l-invenzjoni, żvilupp, produzzjoni u tħaddim ta' dak it-tagħmir u ta' kull riċerka li jkollu x'jaqsam miegħu;

(ċ) politika ta' difiża u strateġija u pjanar militari u *intelligence*;

(d) pjani u miżuri għall-manteniment ta' provvisti essenzjali li jenħtieġu jew jistgħu jenħtieġu fi żmien il-gwerra.

Relazzjonijiet inter-nazzjonali.

8. (1) Persuna li tkun jew li kienet uffiċjal pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern tkun ħatja ta' reat jekk mingħajr awtorità leġittima hija tikxef bi ħsara xi–

(a) informazzjoni, dokument jew oġġett ieħor li jkollu x'jaqsam ma' relazzjonijiet internazzjonali; jew

(b) informazzjoni, dokument jew oġġett ieħor konfidenzjali li jkunu inkisbu mingħand Stat ieħor li ma jkunx Malta jew mingħand organizzazzjoni internazzjonali,

li tkun informazzjoni jew dokument jew oġġett li jkunu jew li kienu għandha minħabba fill-kariga tagħha ta' funzjonarju pubbliku jew ta' kuntrattat mill-Gvern.

(2) Għall-għanijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kxif ikun ta' ħsara jekk–

(a) ikun jipperikola l-interessi ta' Malta barra minn Malta, serjament jostruwixxi il-promozzjoni jew il-protezzjoni minn Malta ta' dawk l-interessi jew ikun jipperikola l-inkolumità ta' ċittadini Maltin li jkunu jinsabu barra minn Malta; jew

(b) ikun kxif ta' informazzjoni jew dokument jew oġġett li jkunu tali li l-kxif mhux awtorizzat tagħhom x'aktarx ikollu xi wieħed minn dawk l-effetti.

(3) Fil-każ ta' informazzjoni jew ta' dokument jew ta' oġġett li jaqa' fi ħdan il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu–

(a) il-fatt li dawn ikunu konfidenzjali, jew

(b) ix-xorta jew il-kontenut tagħhom,

jistgħu ikunu biżżejjed sabiex jistabbilixxu għall-għanijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu li l-informazzjoni, id-dokument jew l-oġġett ikunu tali li l-kxif mhux awtorizzat tagħhom x'aktarx ikollu xi wieħed minn dawk l-effetti msemmija.

(4) Tkun difiża għal persuna li tkun akkużata b'reat taħt dan l-artikolu li ġġib prova li fil-waqt tar-reat allegat hija ma kienetx taf u ma kellha ebda raġuni li temmen, li dawk l-informazzjoni, dokument jew oġġett kienu bħal dawk imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jew li l-kxif kien se jkun ta' ħsara fil-kuntest tat-tifsira ta' dak is-subartikolu.

(5) F'dan l-artikolu "relazzjonijiet internazzjonali" tfisser ir-relazzjonijiet bejn Stati, bejn organizzazzjonijiet internazzjonali jew bejn Stat wieħed jew iktar u organizzazzjoni waħda jew iktar u tinkludi kull ħaġa li jkollha x'taqsam ma' Stat li ma jkunx Malta jew ma' organizzazzjoni internazzjonali li kapaċi tolqot ir-relazzjonijiet ta' Malta ma' xi Stat ieħor jew ma' xi organizzazzjoni internazzjonali oħra.

(6) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu kull informazzjoni, dokument jew oġġett miksub minn xi Stat jew organizzazzjoni ikunu konfidenzjali f'kull żmien li matulu l-patti li bihom ikunu nkisbu jkunu jeħtieġu li dawn għandhom jinżammu b'mod konfidenzjali jew li fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu nkisbu tkun ħaġa raġonevoli għall-Istat jew għall-organizzazzjoni li jistennew li jkunu hekk se jinżammu.

Delitti u setgħat investigattivi speċjali.

9. (1) Persuna li tkun jew li kienet funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern tkun ħatja ta' reat jekk hija tikxef mingħajr awtorità leġittima xi informazzjoni, dokument jew oġġett ieħor li dan l-artikolu japplika għalihom u li jkun jew li kien għandha minħabba fil-kariga tagħha bħala tali.

(2) Dan l-artikolu japplika għal kull informazzjoni, dokument jew oġġett ieħor–

(a) li l-kxif tagħhom –

(i) jirriżulta fl-għemil ta' reat; jew

(ii) jiffaċilita ħarba minn kustodja legali jew l-għemil ta' xi att bi preġudizzju għas-salvagwardja ta' persuni li jkunu qed jinżammu f'kustodja legali; jew

(iii) jimpedixxi l-prevenzjoni jew il-kxif ta' reati jew il-qbid jew il-prosekuzzjoni ta' persuni suspetti; jew

(b) li jkunu tali li l-kxif mhux awtorizzat tagħhom x'aktarx ikollu xi wieħed minn dawk l-effetti.

(3) Dan l-artikolu japplika wkoll għall kull informazzjoni miksuba minħabba f'azzjoni awtorizzata b'mandat maħruġ bis-saħħa ta' l-artikolu 6 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Servizz ta' Siġurtà, jew b'awtorizzazzjoni mogħtija bis-saħħa ta' l-artikolu 9 ta' dak l-Att, kull informazzjoni li jkollha x'taqsam mal-ksib ta' informazzjoni minħabba f'kull azzjoni bħal dik u kull dokument jew oġġett ieħor li jkun jew li ġie użat jew li jinżamm jew inżamm għall-użu fi, jew ikun inkiseb minħabba fi, kull azzjoni bħal dik.

(4) Tkun difiża għal persuna li tkun akkużata b'reat taħt dan l-artikolu li ġġib prova għar-rigward ta' kxif li jaqa' taħt il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu li fil-waqt tar-reat allegat hija ma kienetx taf, u ma kellha ebda raġuni li temmen, li l-kxif kien se jkollu xi wieħed mill-effetti hemm imsemmija.

(5) Tkun difiża għal persuna li tkun akkużata b'reat taħt dan l-artikolu li ġġib prova għar-rigward ta' kull kxif ieħor li fil-waqt tar-reat allegat hija ma kienetx taf, u ma kellha ebda raġuni li temmen, li l-informazzjoni, dokument jew oġġett relattivi kienu informazzjoni jew dokument jew oġġett li għalihom japplika dan l-artikolu.

(6) F'dan l-artikolu "kustodja legali" tinkludi detenzjoni b'konsegwenza ta' xi leġislazzjoni jew ta' xi strument magħmul bis-saħħa ta' xi leġislazzjoni.

Informazzjoni li tirriżulta minn kxif mhux awtorizzat jew li tkun ingħatat b'mod konfidenzjali.

10. (1) Is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu japplika meta –

(a) xi informazzjoni, dokument jew oġġett ieħor protetti kontra l-kxif bid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att ikunu ġew fil-pussess ta' persuni billi jkunu –

(i) mikxufin (sew lilu sew lil xi ħadd ieħor) minn funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern mingħajr ebda awtorità leġittima; jew

(ii) fdati lilu minn funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern b'patti li jeħtieġu li dawn jibqgħu konfidenzjali jew f'ċirkostanzi li fihom il-funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern jistgħu b'mod raġonevoli hekk jippretendu li se jinżammu; jew

(iii) mikxufin (sew lilu sew lil xi ħadd ieħor) mingħajr ebda awtorità leġittima minn persuna li lilha jkunu ġew fdati kif imsemmi fis-subparagrafu (ii) ta' dan il-paragrafu; u

(b) il-kxif mingħajr awtorità leġittima ta' l-informazzjoni, dokument jew oġġett mill-persuna li jkunu ġew fil-pusses tagħha mhuwiex reat taħt xi wieħed minn dawk id-dispożizzjonijiet.

(2) Bla ħsara għas-subartikoli (3) u (4) ta' dan l-artikolu, min ikunu ġew fil-pusssess tiegħu l-informazzjoni, id-dokument jew l-oġġett ikun ħati ta' reat jekk huwa jikxifhom mingħajr awtorità leġittima filwaqt li jkun jaf, jew ikollu raġuni biż-żejjed għaliex jemmen, li dawk ikunu protetti kontra l-kxif bid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att u li dawn ikunu ġew għandu kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Fil-każ ta' informazzjoni jew ta' dokument jew ta' oġġett protetti kontra l-kxif bl-artikoli 6 sa 8 ta' dan l-Att, persuna ma tagħmilx reat taħt is-subartikolu (2) ta'dan l-artikolu kemm-il darba –

(a) il-kxif li jsir minnha ma jkunx wieħed li jagħmel ħsara; u

(b) ma tagħmilx dan il-kxif konsapevoli, jew filwaqt li jkollha raġuni biż-żejjed temmen, li dan il-kxif se jkun ta' ħsara;

u l-kwistjoni dwar jekk kxif ikunx wieħed li jagħmel ħsara għandha tinqata' għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu skond ma tinqata' dwar kxif ta' dawk l-informazzjoni, dokument jew oġġett minn funzjonarju pubbliku bi ksur tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 6, tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 jew tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att.

(4) Persuna ma tagħmilx reat taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu dwar informazzjoni jew dokument jew oġġett ieħor li jkunu ġew fil-pussess tiegħu billi jkunu nkixfu –

(a) kif imsemmi fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu minn kuntrattat mill-Gvern; jew

(b) kif imsemmi fis-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu,

kemm-il darba dak il-kxif ikun sar minn ċittadin ta' Malta jew ikun seħħ f'Malta.

(5) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, informazzjoni jew dokument jew oġġett ikunu protetti kontra l-kxif bid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att jekk –

(a) dan ikollu x'jaqsam ma' sigurtà, difiża jew relazzjonijiet internazzjonali fil-qies tat-tifsir ta' l-artikoli 6, 7 jew 8 ta' dan l-Att jew ikun tali kif hemm imsemmi fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att; jew

(b) dan ikun informazzjoni jew dokument jew oġġett li għalihom ikun japplika l-artikolu 9 ta' dan l-Att;

u informazzjoni jew dokument jew oġġett ikunu protetti kontra dak il-kxif bl-artikoli 6 sa 8 ta' dan l-Att jekk dawn ikunu skond ma hemm fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu.

(6) Persuna tkun ħatja ta' reat jekk mingħajr awtorità leġittima tikxef xi informazzjoni, dokument jew

oġġett ieħor li tkun taf, jew li jkollha raġuni biż-żejjed li temmen, li ġew fil-pussess tagħha bi ksur ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att.

Informazzjoni fdata b'mod konfidenzjali lil Stati oħra jew organizzazzjonijiet internazzjonali.

11. (1) Dan l-artikolu japplika meta –

(a) xi informazzjoni, dokument jew oġġett ieħor li –

(i) jkollu x'jaqsam ma' sigurtà, difiża jew relazzjonijiet internazzjonali, u

(ii) jkun ġie komunikat b'mod uffiċjali minn jew f'isem Malta lil xi Stat ieħor jew lil xi organizzazzjoni internazzjonali,

jkun ġie fil-pussess ta' persuna billi jkun inkixef (lilu jew lil xi ħadd ieħor) mingħajr l-awtorità ta' dak l-Istat jew organizzazzjoni jew, fil-każ ta' organizzazzjoni, ta' xi membru tagħha; u

(b) il-kxif mingħajr awtorità leġittima ta' l-informazzjoni, dokument jew oġġett mill-persuna li jkunu ġew fil-pussess tagħha ma jkunx reat taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att.

(2) Bla ħsara għas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, il-persuna li jkollha pussess ta' l-informazzjoni, dokument jew oġġett tkun ħatja ta' reat jekk hija tagħmel kxif tagħhom meta tkun taf, jew ikollha raġuni biż-żejjed biex temmen, li dawn huma tax-xorta msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, li ġew fil-pussess tiegħu kif hemm imsemmi u li l-kxif tagħhom ikun ta' ħsara.

(3) Persuna ma tagħmilx reat taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jekk l-informazzjoni, dokument jew oġġett jinkixfu minnu b'awtorità leġittima jew ikunu qabel saru disponibbli għall-pubbliku bl-awtorità ta' l-Istat jew ta' l-organizzazzjoni involuta jew, fil-każ ta' organizzazzjoni, ta' xi membru tagħha.

(4) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu "sigurtà", "difiża" u "relazzjonijiet internazzjonali" għandhom l-istess tifsir bħalma għandhom fl-artikoli 6, 7 u 8 ta' dan l-Att u l-kwistjoni dwar jekk kxif ikunx ta' ħsara jew le għandha tiġi deċiża bħalma tkun għar-rigward ta' kxif ta' dik l-

informazzjoni, dak id-dokument jew dak l-oġġett minn funzjonarju pubbliku bi ksur tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 6, tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 u tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att.

(5) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, informazzjoni jew dokument jew oġġett jiġu komunikati b'mod konfidenzjali jekk dawn jiġu komunikati b'patti li jeħtiġuhom jinżammu b'mod konfidenzjali jew f'ċirkostanzi li fihom min jikkomunikahom jista' b'mod raġonevoli jippretendi li jkunu hekk se jinżammu.

Kxif awtorizzat.

12. (1) Għall-għanijiet ta' dan l-Att kxif minn –

(a) funzjonarju pubbliku; jew

(b) persuna, li ma tkunx funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern, li fil-każ tagħha avviż għall-għanijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att ikun iseħħ,

isir b'awtorità leġittima jekk, u biss jekk, dan isir skond id-dmirijiet uffiċjali tagħha.

(2) Għall-għanijiet ta' dan l-Att kxif minn kuntrattat mill-Gvern isir b'awtorità leġittima jekk, u biss jekk, dan isir –

(a) skond awtorizzazzjoni uffiċjali; jew

(b) għall-għanijiet tal-funzjonijiet li bis-saħħa tagħhom huwa jkun kuntrattat mill-Gvern u mingħajr ma jikser xi restrizzjoni uffiċjali.

(3) Għall-għanijiet ta' dan l-Att kxif magħmul minn xi persuna oħra isir b'awtorità leġittima jekk, u biss jekk, dan isir –

(a) lil funzjonarju pubbliku għall-għanijiet tal-funzjonijiet tiegħu bħala tali; jew

(b) skond awtorizzazzjoni uffiċjali.

(4) Tkun difiża għal persuna li tkun akkużata b'reat taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att li ġġib prova li fil-waqt tar-reat allegat hija kienet tal-

fehma li kellha awtorità leġittima li tagħmel dak il-kxif u li ma kellha ebda kawża raġonevoli li tkun ta' fehma xort'oħra.

(5) F'dan l-artikolu "awtorizzazzjoni uffiċjali" u "restrizzjoni uffiċjali" ifissru, bla ħsara għas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, awtorizzazzjoni jew restrizzjoni debitament mogħtija jew imposta minn funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern jew minn jew f'isem korp preskritt jew korp ta' klassi preskritta.

(6) Għar-rigward ta' l-artikolu 11 ta' dan l-Att "awtorizzazzjoni uffiċjali" tinkludi awtorizzazzjoni debitament mogħtija minn jew f'isem l-Istat jew l-organizzazzjoni involuta jew, fil-każ ta' organizzazzjoni, membru tagħhom.

Tħaris ta' informazzjoni.

13. (1) Meta funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern, bis-saħħa tal-kariga tiegħu bħala tali, ikollu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu xi dokument jew oġġett ieħor li jekk huwa jikxifhom mingħajr awtorità leġittima taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att huwa jkun qed jagħmel reat, huwa jkun ħati ta' reat jekk –

(a) billi jkun funzjonarju pubbliku, iżomm dak id-dokument jew oġġett kontra d-dmirijiet uffiċjali tiegħu; jew

(b) billi jkun kuntrattat mill-Gvern, jonqos milli jħares direttiva uffiċjali biex iraġġa' lura jew jiddisponi minn dak id-dokument jew oġġett,

jew jekk huwa jonqos milli jara li ma jseħħx il-kxif mhux awtorizzat tad-dokument jew ta' l-oġġett li bħala persuna fil-kariga tiegħu huwa jista' raġonevolment ikun mistenni li jara li ma jseħħx.

(2) Tkun difiża għal funzjonarju pubbliku li jkun akkużat b'reat taħt il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu li jġib prova li fil-waqt tar-reat allegat huwa kien qed jaġixxi skond id-dmirijiet uffiċjali tiegħu u li ma kellu ebda kawża raġonevoli għaliex il-fehma tiegħu kellha tkun xort'oħra.

(3) Fis-subartikolu (1) u (2) ta' dan l-artikolu referenzi għal funzjonarju pubbliku jinkludu kull persuna, li ma tkunx funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern, li fil-każ tagħhom ikun hemm fis-seħħ avviż għall-għanijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att.

(4) Meta persuna jkollha fil-pussess tagħha jew taħt il-kontroll tagħha xi dokument jew oġġett ieħor li jkun reat għaliha taħt l-artikolu 10 ta' dan l-Att li tikxef mingħajr awtorità leġittima, hija tkun ħatja ta' reat jekk —

(a) hija tonqos milli tħares xi direttiva uffiċjali biex titraġġa' lura jew tiddisponi minn dak id-dokument jew oġġett; jew

(b) meta hija tkun kisbietu mingħand funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern b'patti li jkunu jeħtieġu li jinżamm b'mod konfidenzjali jew f'ċirkostanzi li fihom dak il-funzjonarju jew persuna kuntrattata jistgħu raġonevolment jippretendu li jkunu hekk se jinżammu, hija tonqos milli tieħu dak il-ħsieb sabiex tara li kxif mhux awtorizzat ma jsirx hekk bħalma persuna fil-kariga tagħha tista' tkun raġonevolment mistennija li tieħu.

(5) Meta persuna jkollha fil-pussess tagħha jew taħt il-kontroll tagħha xi dokument jew oġġett ieħor li jkun reat għaliha taħt l-artikolu 11 ta' dan l-Att li tikxef mingħajr awtorità leġittima, hija tkun ħatja ta' reat jekk hija tonqos milli tħares direttiva uffiċjali sabiex titraġġa' lura jew tiddisponi minn dak id-dokument jew oġġett.

(6) Persuna tkun ħatja ta' reat jekk hija tikxef xi informazzjoni, dokument jew oġġett ieħor uffiċjali li jista' jintuża bil-għan li jinkiseb aċċess għal xi informazzjoni, dokument jew oġġett ieħor li jkun protett kontra l-kxif bid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att u ċ-ċirkostanzi li fihom isir il-kxif ikunu tali li jkun raġonevoli li wieħed jistenna li dak se jintuża għal dak l-għan mingħajr ebda awtorità.

(7) Għall-għanijiet tas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu persuna tikxef informazzjoni jew dokument jew oġġett uffiċjali jekk —

(a) l-informazzjoni, dokument jew oġġett ikun jew kien fil-pussess tagħha bis-saħħa tal-kariga tagħha

ta' funzjonarju pubbliku jew ta' kuntrattat mill-Gvern; jew

(b) tkun taf jew ikollha kawża raġonevoli li tkun tal-fehma li funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern ikollu jew kellu dan l-informazzjoni, dokument jew oġġett bis-saħħa tal-kariga tiegħu bħala tali.

(8) Is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 10 ta' dan l-Att japplika għall-għanijiet tas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu ħekk kif japplika għall-għanijiet ta' dak l-artikolu.

(9) F'dan l-artikolu "direttiva uffiċjali" tfisser direttiva debitament mogħtija minn funzjonarju pubbliku jew minn kuntrattat mill-Gvern jew minn jew f'isem korp preskritt jew korp ta' klassi preskritta.

Penalitajiet.

14. (1) Kull min jiġi akkużat b'reat taħt l-artikoli 6 sa 13 ta' dan l-Att minbarra s-subartikoli (1), (4) jew (5) ta' l-artikolu 13 jista' jeħel, meta jinsab ħati, għar-rigward ta' kull reat, priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux iktar minn ħamest elef lira Maltija jew dik il-priġunerija u multa flimkien.

(2) Persuna li tkun ħatja ta' reat taħt is-subartikoli (1), (4) jew (5) ta' l-artikolu 13 ta' dan l-Att tista' teħel meta tinsab ħatja priġunerija għal żmien mhux iktar minn tliet xhur jew multa ta' mhux iktar minn elfejn lira jew dik il-priġunerija u multa flimkien.".

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Ordinanza.

**6.** Fl-artikolu 15 ta' l-Ordinanza, kif enumerata mill-ġdid bl-artikolu 2 ta' dan l-Att, minflok il-kliem "għaxar liri" għandhom jidħlu l-kliem "mitt lira".

Emenda ta' l-artikolu 18 ta' l-Ordinanza.

**7.** Fl-artikolu 18 ta' l-Ordinanza, kif enumerata mill-ġdid bl-artikolu 2 ta' dan l-Att, minflok il-kliem "President ta' Malta" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "Avukat Ġenerali".

Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Ordinanza.

**8.** Fl-artikolu 19 ta' l-Ordinanza, kif enumerata mill-ġdid bl-artikolu 2 ta' dan l-Att, minflok il-kliem "reat taħt din l-Ordinanza" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "reat taħt dan l-Att, li ma jkunx reat taħt is-subartikoli (1), (4) u (5) ta' l-artikolu 13".

Emenda ta' l-artikolu 21 ta' l-Ordinanza.

**9.** L-artikolu 21 ta' l-Ordinanza kif enumerat mill-ġdid bl-artikolu 2 ta' dan l-Att, għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minflok il-kliem "telegramm" u "telegrammi" kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "komunikazzjoni" u "komunikazzjonijiet" rispettivament;

(b) minflok il-kliem "pakki postali" u "pakk postali" kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "pakki" u "pakk" rispettivament;

(ċ) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "lis-suprintendent tal-Pulizija" u "s-suprintendent tal-Pulizija" kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "lill-Kummissarju tal-Pulizija" u "l-Kummissarju tal-Pulizija" rispettivament;

(ii) il-kliem "tad-distrett li fih tkun teżerċita dak il-kummerċ" għandhom jitħassru; u

(iii) minflok il-kliem "u s-suprintendent tal-Pulizija" għandhom jidħlu l-kliem "u l-Kummissarju tal-Pulizija";

(d) fis-subartikolu (2) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "tniżżel fi ktieb li żżomm għaldaqshekk" għandhom jidħlu l-kliem "tagħmel notament u żżomm";

(ii) minflok il-kliem "d-data ta' l-impostazzjoni (li tkun tidher mit-timbru postali)" fil-paragrafu (ċ) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "d-data meta dawn ikunu ntbagħtu"; u

(iii) minflok il-kliem minn "u ma tista' tikkunsinna ebda ittra" sal-kliem "fil-ktieb hawn fuq imsemmi" għandhom jidħlu l-kliem "u ma tista' tikkunsinna ebda pakk lil ebda persuna sakemm dik il-persuna ma tiffirmax li tkun irċevietu";

(e) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem minn "Il-kotba hekk miżmuma" sal-kliem "ta' pakki irċevuti" għandhom jidħlu l-kliem "Ir-*records* hekk miżmuma";

(f) fis-subartikolu (4) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "minn Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) skond il-każ"; u

(ii) minflok il-kliem "għaxar liri" għandhom jidħlu l-kliem "mitt lira"; u

(g) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(7) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu il-kelma "pakk" għandha l-istess tifsira tal-kelma "pakk" fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta.". Kap. 254

Emenda ta' l-artikolu 24 ta' l-Ordinanza.

**10.** Fl-artikolu 24 ta' l-Ordinanza, kif enumerata mill-ġdid bl-artikolu 2 ta' dan l-Att, minflok il-kliem "reat taħt din l-Ordinanza" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "reat taħt dan l-Att, li ma jkunx reat taħt is-subartikoli (1), (4) jew (5) ta' l-artikolu 13", u minflok il-kliem "tal-President ta' Malta" fis-subartikolu (2) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "ta' l-Avukat Ġenerali".

Żieda ta' l-artikoli 26 u 27 ġodda ma' l-Ordinanza.

**11.** Minnufih wara l-artikolu 25 ta' l-Ordinanza, kif enumerata mill-ġdid bl-artikolu 2 ta' dan l-Att, għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli li ġejjin:

"Ordnijiet.

26. (1) Il-Prim Ministru jista' b'ordni jippreskrivi kull ħaġa li skond dan l-Att tista' tiġi preskritta.

(2) Kull setgħa li għandu l-Prim Ministru jew il-Ministru bis-saħħa ta' dan l-Att li jagħmel ordnijiet tiġi eżerċitata bil-mezz ta' avviż legali.

Atti mwettqin barra minn Malta.

27. Att li jsir minn ċittadin ta' Malta jew minn funzjonarju pubbliku għandu, li dan kieku jkun reat għar-rigward ta' dik il-persuna taħt kull dispożizzjoni ta' dan l-Att jekk dan isir minnha f'Malta, jkun reat taħt dik id-dispożizzjoni ikun fejn ikun il-post fejn dak ir-reat ikun sar fih.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 565 tas-16 ta' Lulju, 1996.

LAWRENCE GONZI
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.*